RIŻOLUZZJONI (UE) 2020/2047 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-20 ta' Ottubru 2020

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0188/2020),

A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tkompli tissaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u fl-obbligu ta' rendikont, kif ukoll bl-implimentazzjoni tal-kunċett ta' baġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;

B. billi abbażi tal-eżitu u r-rakkomandazzjonijiet tal-investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistenna li jkun infurmat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (il-Kumitat) dwar il-miżuri meħuda biex jiġu ratifikati l-irregolaritajiet;

1. Jilqa' t-titjib li sar fis-sitwazzjoni ta' riporti relatati mal-linja baġitarja "Membri tal-istituzzjoni u delegati" billi tiġi stabbilita skadenza ta' sitt ġimgħat għall-preżentazzjoni tat-talbiet għal rimborż; japprezza li mill-1 ta' Jannar 2019 lil hawn inkiseb tnaqqis ta' riporti;

2. Jinnota li minħabba numru akbar ta' opinjonijiet u rapporti maħruġa, li talbu aktar involviment min-naħa tal-membri fit-tħejjija, kien hemm spejjeż ogħla għall-ivvjaġġar u rimborżi oħra;

3. Japprezza li l-Kumitat jippjana li jżid b'mod sinifikanti l-baġit tiegħu għall-IT biex ilaħħaq, inaqqas id-distakk *vis-a-vis* il-korpi l-oħra tal-Unjoni u jimplimenta aktar l-Istrateġija Diġitali għall-Kumitat adottata f'Ġunju 2019; jieħu nota tal-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet tan-network u t-tagħmir tal-utent aħħari biex 100 % tal-persunal ikun jista' jaħdem mid-dar;

4. Jinnota li l-istruttura l-ġdida tal-Kumitat, li ilha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2020, rabtet lis-servizz legali direttament mas-segretarju ġenerali bl-objettivi ddikjarati li jiżdiedu l-viżibilità u l-impatt tas-servizz legali u tippermettilu jipprovdi appoġġ legali fuq bażi orizzontali; jieħu nota tal-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Kumitat iżda jinsab imħasseb li l-awtonomija u l-indipendenza shiħa tas-servizz legali jistgħu jiġu affettwati; jappella lill-Kumitat biex jiżgura li s-servizz legali jiġi involut b'mod uffiċjali u sistematiku fl-aktar kwistjonijiet importanti tal-Kumitat mingħajr ma jħalli d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi kkonsultat f'idejn is-servizzi differenti; jilqa' l-fatt li ġiet imsaħħa l-kapaċità legali fl-unità tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri biex tippermetti t-trattament ta' kwistjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-istatut tal-membri; jinnota r-riflessjonijiet dwar l-eżenzjoni ta' persunal speċjalizzat, inkluż persunal li jagħmel parti mis-servizz legali, mill-politika ta' mobilità tal-Kumitat u jappella lill-Kumitat jirrapporta dwar il-konklużjonijiet ta' dan il-proċess lill-awtorità tal-kwittanza;

5. Jikkonferma li l-Kumitat irċieva ċertifikat "sikur mill-asbestos" għall-bini VMA li jispeċifika li l-bini m'għandux riskju għall-użu normali; jinnota, madankollu, li kien hemm ammont limitat ta' asbestos li ġie kkonfermat b'analiżi ulterjuri; jirrikonoxxi li ftit materjali li fihom il-fibri tal-asbestos jinsabu barra ż-żona tal-uffiċċji tal-bini VMA u li huwa ppjanat li dawk il-materjali jitneħħew kollha matul il-perjodu ta' eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni;

6. Jappoġġja t-talba tal-Kumitat biex jissaħħu l-isforzi kollha fir-rispett tal-kontenut tal-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Parlament u l-Kumitat; ifakkar, madankollu, li skont il-ftehim tal-2014, il-Kumitat ittrasferixxa total ta' 36 traduttur lill-Parlament u kiseb biss l-aċċess għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew bi skambju; jinnota li bħala konsegwenza, il-Kumitat kellu jikru persunal kuntrattwali u jesternalizza is-servizz tat-traduzzjoni tiegħu; jinnota bi tħassib li biex jikkumpensa għat-tnaqqis fil-persunal tat-traduzzjoni, il-Parlament ipprovda fondi addizzjonali lill-Kumitat għall-esternalizzazzjoni tas-servizzi tat-traduzzjoni u li l-Kumitat jista' jalloka mill-ġdid dawn il-fondi f'oqsma ta' politika oħra jekk ma jintużawx kollha għat-traduzzjoni esternalizzata, ħaġa li ġrat fi snin oħra; huwa tal-opinjoni li din iċ-ċirkostanza mhijiex konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja ġenerali tajba u prudenti, u fil-futur għandha tiġi riveduta;

Il-qagħda bħalissa

7. Ifakkar li fir-rapport tiegħu ta' Jannar 2020, l-OLAF ikkonkluda li l-president ta' dak iż-żmien tal-Grupp I tal-Kumitat kien responsabbli għal atti ta' fastidju fil-konfront ta' żewġ membri tal-persunal, imġiba mhux xierqa (imġiba ħażina serja) lejn membru tal-Kumitat u membru tal-persunal u imġiba ħażina fil-konfront ta' membri oħra tal-persunal li jaħdmu fis-Segretarjat tal-Grupp I;

8. Ifakkar li l-OLAF jikkonkludi li l-president tal-Grupp I wettaq ksur tal-obbligi li jirriżultaw mir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat u tal-kodiċi ta' kondotta tiegħu; ifakkar li l-OLAF jirrakkomanda li l-Kumitat jibda l-proċeduri xierqa fir-rigward tal-membru kkonċernat, kif previst fir-regola 8, il-parti erbgħa, tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat u jieħu l-passi kollha meħtieġa ħalli jevita kwalunkwe każ ieħor ta' fastidju mill-membru kkonċernat fuq il-post tax-xogħol;

9. Jiddeplora l-fatt li diversi membri tal-persunal sofrew atti ta' fastidju psikoloġiku mill-president ta' dak iż-żmien tal-Grupp I għal perjodu ta' żmien twil mingħajr ġustifikazzjoni; jiddispjaċih li l-miżuri fis-seħħ fil-Kumitat kontra l-fastidju naqsu milli jindirizzaw u joffru rimedju aktar malajr għal dan il-każ minħabba l-kariga għolja tal-membru kkonċernat; jiddispjaċih li jista' jingħad li l-miżuri meħuda biex jiġu protetti l-vittmi sa tmiem l-investigazzjoni mill-OLAF kienu spontanji u insuffiċjenti, speċjalment fid-dawl tas-sentenza fil-Kawża F-50/15 ([1]), *FS vs Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)*, li kellha tkun tagħlima għall-Kumitat; jinnota bi tħassib li n-nuqqasijiet fil-proċeduri interni rriżultaw f'nuqqas ta' azzjoni mill-amministrazzjoni tal-Kumitat li sarrfu fi ksur tad-dmir ta' kura u tal-obbligu ta' rapportar lill-OLAF; jappella lill-Kumitat jieħu nota ta' dan fil-qafas tar-reviżjoni li saret tad-deċiżjonijiet rilevanti;

10. Jinnota li l-President tal-Kumitat irċieva r-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF fis-17 ta' Jannar 2020; jinnota li l-każ ġie riferut lill-kumitat konsultattiv dwar l-imġiba tal-Membri tal-Parlament fit-23 ta' Jannar 2020; jinnota wkoll li l-kumitat konsultattiv ippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fit-28 ta' April 2020, li l-membru kkonċernat kien mistieden jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u li l-President tal-Kumitat stieden lill-Presidenza estiża tal-Kumitat biex tikkummenta;

11. Jinnota li l-Bureau tal-Kumitat b'maġġoranza ħa d-deċiżjonijiet li jitlob lill-membru kkonċernat jirriżenja mill-funzjonijiet tiegħu bħala president tal-Grupp I u jirtira t-talba tiegħu għall-kariga ta' president tal-Kumitat; jinnota li l-Bureau ddispona lill-membru kkonċernat mill-attivitajiet kollha li jinvolvu l-ġestjoni jew l-amministrazzjoni tal-persunal; jinnota li l-Bureau ħatar lis-segretarju ġenerali biex jieħu l-passi meħtieġa ħalli jiżgura li, jekk jinbdew proċedimenti mill-prosekutur pubbliku kontra l-membru kkonċernat, il-Kumitat jingħaqad ma' dawk il-proċedimenti bħala parti ċivili; jinnota li l-Bureau ħatar lis-segretarju ġenerali biex jikkomunika din id-deċiżjoni lill-OLAF u lill-Parlament; jinnota li din id-deċiżjoni tista', kif xieraq, tiġi kkomunikata wkoll lil istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-Istati Membri;

12. Jinnota bi tħassib li d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Kumitat rigward il-president ta' dak iż-żmien tal-Grupp I ma setgħetx tiġi inforzata bis-sħiħ permezz tal-proċedimenti interni tal-Kumitat; jinnota li l-membru kkonċernat iddeċieda li jirtira l-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni tal-president tal-Kumitat kważi erba' xhur wara d-deċiżjoni tal-Bureau u sussegwentement biss fuq inizjattiva proprja; jinnota bi tħassib li, minkejja s-sejbiet tal-OLAF u d-deċiżjoni tal-Bureau,

([1]) Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Mejju 2016, *FS vs Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)*, F-50/15, ECLI:EU:F:2016:119.

il-membru kkonċernat jista' jimponi r-rieda tiegħu u jibqa' l-president tal-Grupp I sa tmiem il-mandat tiegħu; jappella lill-Kumitat ikompli r-reviżjoni tar-regoli ta' proċedura u tal-kodiċi ta' kondotta tal-Kumitat biex fil-futur tiġi evitata tali sitwazzjoni;

13. Jinnota li l-OLAF issottometta l-każ lill-awtoritajiet Belġjani u li l-prosekutur Belġjan qiegħed iniedi proċedimenti legali kontra l-membru kkonċernat billi l-fastidju psikoloġiku jista' jkun soġġett għal proċeduri kriminali skont il-liġi Belġjana; jinnota li l-plenarja tal-Kumitat iddeċidiet li tneħħi l-immunità tal-membru kkonċernat fil-laqgħa tagħha ta' Lulju 2020 biex tippermetti lill-prosekutur Belġjan jipproċedi bil-proċedimenti legali;

14. Jindika li n-nuqqasijiet tal-Kumitat f'dan il-każ wasslu għal telf materjali ta' fondi pubbliċi fir-rigward tas-servizzi legali, il-liv minħabba mard, il-protezzjoni tal-vittmi, it-tnaqqis fil-produttività, il-laqgħat tal-Bureau u korpi oħra, eċċ.; iqis għaldaqstant li dan huwa każ ta' ħassib rigward l-obbligu ta' rendikont, il-kontroll baġitarju u l-governanza tajba tar-riżorsi umani fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni; f'dan is-sens ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara fir-Rapport Speċjali 13/2019 tagħha, "L-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-UE awditjati: hemm lok għal titjib", li l-imġiba etika fl-affarijiet pubbliċi tikkontribwixxi għal ġestjoni finanzjarja aktar soda u żieda fil-fiduċja pubblika, u li kwalunkwe mġiba mhux etika mill-persunal u mill-membri tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni tattira livelli għoljin ta' interess pubbliku u tnaqqas il-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

15. Huwa sorpriż li s-sit web tal-Kumitat fih dikjarazzjoni mill-membru kkonċernat fil-kapaċità tiegħu bħala president tal-Grupp I li fir-realtà hija xhieda personali ta' awtodifiża u b'fattur aggravanti li l-każijiet huma diġà pendenti jew mistennija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Unjoni u l-awtoritajiet Belġjani; jiddispjaċih ħafna li n-nuqqas ta' qbil bejn il-presidenza tal-Kumitat u l-presidenza tal-Grupp I saret pubblika b'dan il-mod a spiża kbira għar-reputazzjoni u l-kredibilità tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni;

16. Jilqa' l-fatt li l-Kumitat beda valutazzjoni u riflessjoni fil-fond fir-rigward tal-qafas ġenerali eżistenti li jappoġġja l-politika tiegħu ta' tolleranza żero lejn kwalunkwe mġiba li tista' timmina d-dinjità tal-bniedem; jinnota li dan il-proċess għandu l-għan li jidentifika lakuni potenzjali u tiftix għal aktar titjib fl-interess tal-persunal u tal-membri tiegħu;

17. Jitlob lill-Kumitat iżomm lill-awtorità tal-kwittanza informata dwar kwalunkwe investigazzjoni tal-OLAF li għaddejja bħalissa u dwar il-ftuħ ta' investigazzjonijiet ġodda tal-OLAF dwar il-membri jew il-persunal tal-Kumitat fir-rigward ta' fastidju jew kwalunkwe ħassib ieħor;

18. Jinnota li d-dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Persunal mhumiex applikabbli għall-membri tal-Kumitat billi dawn mhumiex impjegati, iżda maħtura bħala membri tal-Kumitat; josserva li din iċ-ċirkostanza ma waqqfitx lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni milli jkollhom regoli speċifiċi, adegwati u utli applikabbli għall-membri tagħhom; f'dan is-sens ifakkar, pereżempju, li l-Artikolu 8, parti 4, tal-kodiċi ta' kondotta tal-Kumitat tar-Reġjuni jipprojbixxi lill-membru li wettaq il-ksur milli jiġi elett bħala detentur ta' kariga fil-Kumitat u jekk il-membru diġà jkollu tali kariga dan isarraf fit-tkeċċija tagħhom; jilqa' l-fatt li l-Kumitat huwa lest li jikkunsidra aktar titjib fis-sistema tiegħu wara riflessjoni li issa ilha għaddejja aktar minn sentejn; iqis li dan huwa perjodu twil iżżejjed; jiddispjaċih li, wara l-perjodu msemmi hawn fuq, il-Kumitat jista' biss jissuġġerixxi miżuri ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall-membri minkejja l-ħtieġa ċara għal aktar miżuri, hekk kif stabbilit fir-rapport tal-Ombudsman Ewropew dwar id-dinjità fil-post tax-xogħol fl-istituzzjonijiet u fl-aġenziji tal-UE (SI/2/2018/AMF) u fir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament;

19. Jitlob lill-Kumitat jinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-proċeduri u l-proċessi li l-Kumitat nieda jew beħsiebu jniedi dwar kif il-każijiet ta' fastidju jew kwistjonijiet simili li jikkonċernaw il-persunal ser jiġu evitati fil-futur biex jiġi żgurat li ma jiġux ripetuti żviluppi sfortunati simili li kkawżaw pubbliċità negattiva u li għamlu ħsara lir-reputazzjoni tal-Kumitat;

20. Jilqa' ż-żieda fl-għadd ta' konsulenti kunfidenzjali biex tittejjeb il-proċedura informali u l-possibbiltà għall-membri tal-persunal li jaqsmu t-tħassib tagħhom dwar kwalunkwe sitwazzjoni perċepita ta' fastidju;

21. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir ir-riflessjonijiet tal-Kumitat li ser jirriżultaw fi pjan ta' azzjoni dettaljat għat-tisħiħ tal-politika ta' tolleranza żero għall-fastidju fil-Kumitat biex jiġi żgurat li mġiba bħal din qatt ma tista' tiġi ttollerata; jilqa' u jappoġġja l-pakkett attwali ta' reviżjoni dwar il-fastidju, l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u l-proċeduri dixxiplinari li ser ikomplu jtejbu l-mekkaniżmi li jippermettu lill-persunal jagħmel ilmenti formali ta' fastidju u jtejjeb ir-robustezza tal-istrutturi legali rilevanti; ifakkar, madankollu, li dan il-proċess ġie rrapportat mill-Kumitat lill-Parlament għal diversi snin u li huwa biss issa li jidher li qegħdin jittieħdu miżuri konkreti; jilqa' l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma li jinkludi rappreżentanti mill-amministrazzjoni u mill-kumitat tal-persunal bil-għan li jinġabar l-aktar kontribut mifrux possibbli għat-titjib; jinsab diżappuntat li l-progress tal-Kumitat kien minimu f'dawn l-aħħar snin minkejja r-rakkomandazzjonijiet preċiżi tal-Parlament li ħeġġu lill-Kumitat jintroduċi regoli u proċeduri li jikkonċernaw membri involuti f'każijiet ta' fastidju;

22. Jilqa' l-kontinwazzjoni ta' diversi inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni biex il-persunal ikun infurmat kif xieraq dwar is-segwitu għall-kampanja "Respect@work"; jilqa' l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ maħsuba biex jiżguraw li l-persunal ikun konxju mill-valuri etiċi u organizzattivi rilevanti u mir-regoli u l-proċeduri assoċjati.